MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 310/2006

**Il-Pulizija**
**(Assistant Kummissarju Neil Harrison)**

**Vs**

**Christian Bugeja**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Christian Bugeja ta' 32 sena, bin Costantino u Helen nee Vidal imwieled fis-16 t'April 1974, residenti 110 Peter Pual Caruana Street Cospicua u detentur tal-karta tal-identita' numru 227274(M)

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fil-28 ta' Ġunju 2002 u matul l-aħħar ġranet qabel dina d-data

) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussesgwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat tħallas l-ispejjeż tal-esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-att tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2272 tal-1974, il-fedina penali tiegħu (fol 5) , l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2003, il-konferma tal-ħatra tal-esperti (fol 14), il-ħatra tal-Ispiżjar

Mario Mifsud sabiex janalizza s-sustanza (12 t'April 2007 – pilloli esibiti NH2), il-proces-verbal intitolat 'Sejba ta' ammont ta' droga supettata li hija eroina fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin'fit-28 ta' Ġunju 2002, Dok CA u l-istqarrijiet ta' Christian Bugeja u ta' Helen Bugeja u s-separazzjoni tal-ġudizzju li saret fis-16 t'Ottubru 2009

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament,

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Il-fatti huma dawn. Fit-28 ta' Ġunu 2002 PC 1470 Raymond Sammut u PC 236 Sean Pace kienu għamlu spezzjoni fuq żarbun li kien ittieħed il-ħabs minn ċertu Christian Bugeja sabiex jgħaddih lill-priġunier Alfred Bugeja.

Għall-ewwel ma nstab xejn iżda wara, meta ma kienx preżenti Christian Bugeja, instabu żewġ pakketti żgħar kontenenti bejn wieħed u ieħor gramma u nofs eroina.

Fl-istqarrija tiegħu Christian Bugeja kien ammetta li ħa ż-żarbun lil ħuh. Huwa qal ukoll li l-baskett kienet tathulu l-imputata l-oħra Helen Bugeja, mart il-priġunier Alfred Bugeja. Il-baskett kien tal-plastik li kien fih karkur griż u xi lożor tas-sodda u kienet tathulu xi kwarta qabel. Huwa qal li dam xi tliet kwarti jistenna sakemm qagħdu jfittxu. Huwa ċaħad li ħuh kien talbu biex idaħħal xi droga fil-ħabs.

Fl-istqarrija tagħha l-imputata l-oħra Helen Bugeja qalet li kienet tat iż-żarbun (anzi karkur) lil Christian Bugeja sabiex jieħdu l-ħabs flimkien ma' affarijiet oħra. Il-karkur kien ġdid għalkemm kien ilu mixtri.:

'Dak kien ġdid u kien ilu għandna żmien twil pero' ma nafx kemm kien ilu.'

L-imputata Helen Bugeja qalet li ma kenitx poġġiet droga. Lil Christian Bugeja kienet tat l-affarijiet fid-dar tal-imputat:

***'Mort waħdi d-dar tiegħu u tajthomlu.'***

L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed li l-piż tal-boroż kien 1.273 u 1.532 grammi rispettivament (2.805 grammi) li nstabet fihom is-sutanza eroina b'purita' ta' 16%. Il-qiegħ tal-karkur kien imtaqqab.

L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed ukoll fis-16 ta' Novembru 2007. Fid-dokument kienu nstabu żewġ pilloli bojod li fihom instabet is-sustanza paracetamol. Din mhix kontrollata mil-liġi. Kien hemm ukoll żewġ foils bi traċċi ta' sustanza sixmonocethalmorphine li hija prodott ta' degradazzjoni tal-eroina li mhix kontrollata bil-Liġi. Fuq il-foil l-oħra nstabu traċċi ta' sustanza eroina.

Ray Sammut ikkonferma li d-droga kien sabha PC 327.

L-Ispettur Abraham Zammit ikkonferma li Alfred Bugeja kien detenut fit-28 ta' Ġunju 2002.

PS 612 Theo Vella ikkonferma r-relazzjoni tiegħu konġunta ma' PS 644 Evan Camilleri.

PS 327 Sean Pace kien għamel it-tfittxija. Kienu ssuspettaw meta raw il-karkur li fetħulu d-drapp u kienu sabu xi sustanza ġo xi borża. Karkura minnhom kienet qisha mqabbża.

PS 644 Evan Camilleri kkonferma r-relazzjoni tiegħu.

Fis-16 t'Ottubru 2009 saret is-separazzjoni tal-ġudizzju.

**Difiża**

Xehed l-imputat Christian Bugeja li qal li ma kenitx l-ewwel darba li kien ħa l-ikel lil ħuh il-Ħabs. Il-logħob li kien ħa l-Ħabs kienu tiegħu waqt li l-karkur kienet tathulu Helen Bugeja. Meta kienet taf li Christian Bugeja kien sejjer il-Ħabs kienet qaltlu li kellha karkur biex jieħdu lil

Alfred Bugeja. Dan ix-xhud mill-ewwel kien qal lill-Ispettur minn fejn kien ġieb dal-karkur. Għalih iż-żarbun ma kien fih xejn. L-imputat ddeskriva l-karkur qisu flip flop griż li tathulu ġo basket abjad tal-plastik. Wara li għamel xi kwarta ħdejn il-gwardjani, wieħed minnhom kien qallu li seta' jitlaq. Dan ix-xhud kien mar il-ħabs filgħodu waqt li l-pulizija mar wara nofs in-nhar. Huwa kien mar bl-affarijiet flok l-imputata Helen Bugeja minħabba li l-karozza ta' Helen Bugeja kellha xi ħsara.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi jirriżulta li l-imputat kellu f'idejh basket tal-plastik li kienet tathulu kwarta qabel Helen Bugeja, mart il-priġunier Alfred Bugeja.

Il-provi forensiċi juru li fil-karkur kien hemm id-droga eroina.

Il-Qorti m'għandha ebda dubju li d-droga li nstabet fil-karkur kienet introdotta qabel ma l-karkur iddaħħal fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

L-imputat mill-ewwel ċaħad l-involviment tiegħu u li lil ħuh kien ħadlu xi logħob biss. Huwa insista kemm fl-istqarrija kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda li huwa baqa' jistenna sakemm il-gwardjani bagħtuh.

Il-Qorti rat lill-imputat jixhed u fliet sewwa l-istqarrija tiegħu. Waqt li tassew kien fiżikament hu li wassal il-karkur bid-droga ġo fih, m'hemmx prova ċara li hu kien jaf x'fih il-karkur meta kkonsenjah il-ħabs. Jidher li d-droga kienet moħbija sew u jekk wieħed joqgħod fuq il-ħinijiet indikati mill-imputat, hemm dubju dwar il-ħtija tiegħu. Saħansitra bil-ġurament qal:

*'Kont għidt anke lil ħijna stess. Għidtlu terġax tagħmilli kummiedji bħal dawn.'*

F’sitwazzjoni bħal din, id-dubju jmur favur l-imputat biex ikun jista’ jingħata *a safe and satisfactory judgment.* Il-Qorti ssib li l-verżjoni tal-imputat hija attendibbli.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------